



IL-QORTI  
EWROPEA  
TAL-AWDITURI

MT

## Diskors

Brussell, id-19 ta' Jannar 2015  
ECA/15/01

# Diskors minn Vítor Caldeira, President tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

**Preżentazzjoni tal-Programm ta' Fidma 2015**

**Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew**

**Brussell, id-19 ta' Jannar 2015**

Id-diskors proprju jitqies b'ħala awtentiku.

Il-verżjoni mitkellma għandha tiegħu preċedenza.

## ECA Press

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

T: (+352) 4398 45410 M: (+352) 621 55 22 24

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditorsECA Youtube: [EUAuditorsECA](https://www.youtube.com/EUAuditorsECA) [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

Sinjura President, onorevoli membri,

Inħossni onorat li ġejt mistieden hawnhekk illum biex nippreżenta l-Programm ta' Ħidma tal-Qorti għall-2015.

Nixtieq nieħu din l-opportunità biex ninfurmakom dwar ir-rapporti tal-awditjar li se niproduċu fl-2015 u dwar ir-riformi interni li qed inwettqu.

Fit-tfassil tal-programm ta' ħidma tal-awditjar, ħadna kont ta' żviluppi fil-politika tal-UE kif ukoll tar-riżultati tal-bosta interazzjonijiet li kellna ma' membri ta' dan il-Parlament matul is-sena, b'mod partikolari fir-rigward tar-rapporti tal-awditjar u l-analizzijiet panoramiċi tagħna.

Kif tafu, bħala parti mill-istrateġija tagħna għall-2013 sal-2017, l-għan tagħna huwa li x-xogħol tal-istituzzjoni tagħna jkun rilevanti aktar minn qatt qabel għall-isfidi li l-UE qed tiffaċċja.

B'mod partikolari, l-għan tagħna huwa li nassistu lil dan il-Parlament jiżgura obbligu ta' rendikont effettiv għall-fondi pubbliċi li jintużaw biex daww l-isfidi jiġu indirizzati. Dak jibqa' l-għan strateġiku prinċipali tal-istituzzjoni tagħna u dan jipprovdi l-fokus, għall-awditi tagħna, tal-mod li bih l-UE timplimenta u tiffinanzja l-politiki tagħha.

Kull sena l-Qorti hija meħtieġa, bil-leġiżlazzjoni tal-UE, li twettaq l-awditu finanzjarju u tal-konformità tal-baġit tal-UE, tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u ta' kull waħda mill-aġenziji u l-impriżi konġunti tal-UE. B'kollox, fl-2015 se nipubblikaw total ta' 55 rapport, bejn rapporti annwali u rapporti annwali speċifiċi tal-awditjar.

Barra minn hekk, il-pjan tagħna huwa li nipubblikaw madwar 30 rapport speċjali, fil-biċċa l-kbira dwar suġġetti relatati mal-prestazzjoni. Is-suġġetti huma deskritti fil-programm ta' ħidma li ppubblikajna llum. Kif tistgħu taraw, il-pjan tagħna huwa li nkopru firxa wiesgħa ta' miżuri tal-politika u kwistjonijiet ta' ġestjoni finanzjarja li jirriflettu l-prijoritajiet ewlenin tal-UE u t-tħassib taċ-ċittadini.

Ħafna mis-suġġetti huma relatati mal-isfidi fit-tul tal-politika tal-UE, li huma identifikati fl-Istrateġija Ewropa 2020 u li ġew inklużi bħala temi fl-istrateġija proprja tal-Qorti għall-2013 sal-2017.

Aħna nemmnu li daww it-temi għadhom ikunu rilevanti. Għalhekk ippermettuli nerġa' nsemmihom fil-qosor u nagħtikom ftit eżempji tal-kwistjonijiet speċifiċi li fuqhom je jiffokaw ir-rapporti tagħna fl-2015.

L-ewwel waħda hija l-**valur miżjud**: Kif innutajna f'bosta rapporti u f'diversi okkażjonijiet matul dawn l-aħħar snin, il-manijers tal-UE jiproduċu ħafna informazzjoni dwar il-prezz tal-infiq tal-UE iżda ftit informazzjoni dwar il-valur tiegħu.

Dan in-nuqqas ta' informazzjoni jagħmilha diffiċli biex daww li huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE jinżammu responsabbli għall-prestazzjoni tagħhom; bir-riskju li l-prestazzjoni baxxa ma tiġix ikkontestata u li jintilfu l-opportunitajiet għal titjib.

Il-fatt li l-fiduċja taċ-ċittadini fl-UE għadha problema, jagħmilha aktar importanti minn qatt qabel li l-prestazzjoni tal-UE u l-valur miżjud ikunu jidhru ċari għal għajnejn kulħadd.

F'dan il-kuntest, ninnutaw li t-trawwim ta' "kultura ta' prestazzjoni" għat-titjib tal-valur miżjud tal-UE huwa prijorità tal-Kummissjoni l-ġdida. U nixtiequ nassiguraw lil dan il-Parlament li l-valur miżjud huwa tema li ssibuha għaddejja f'ħafna mill-prodotti tal-Qorti fl-2015.

Dak jinkludi r-rapport annwali tagħna dwar il-baġit tal-UE fejn, fil-kapitolu dwar il-kisba ta' riżultati mill-baġit tal-UE, se nkunu qed infittxu li niffokaw fuq jekk il-qafas tal-prestazzjoni attwali jippermettix li l-Kummissjoni timmonitorja u tidderieġi l-progress lejn l-Ewropa 2020.

Bl-ekonomija dgħajfa tal-UE li qed tkompli tagħmel pressjoni fuq il-baġits nazzjonali, l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020 u t-tisħiħ tat-**tkabbir**, l-**impjeg** u l-**finanzi pubbliċi** għandhom importanza aktar minn qatt qabel.

Għalhekk, fl-2015, se nkunu qed naħdmu fuq rapporti dwar aspetti speċifiċi ta' dawn it-tliet temi, pereżempju dwar l-innovazzjoni, l-impjieg taż-żgħażaġh u l-proċedura ta' defiċit eċċessiv.

U l-fatt li l-2014 kienet l-aktar sena sħuna rreġistrata, it-teħid ta' azzjoni dwar it-**tibdil fil-klima** u l-**ambjent** jinsab għal darb'oħra fuq 'il quddiem tal-aġenda politika.

Għalhekk, fl-2015, biħsiebna wkoll nirrappurtaw dwar l-Iskema tal-UE għan-Negożjar ta' Emissjonijiet kif ukoll dwar firxa ta' miżuri ta' protezzjoni ambjentali, inklużi dawk relatati mal-preservazzjoni tan-natura mill-bdiewa, il-kwalità tal-ilma fil-baċir tax-xmara Danubju, it-tniġġis tal-Baħar Baltiku, u l-ġlieda kontra l-qtuġh illegali tas-siġar f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp.

Sa issa tajt eżempji ta' awditi relatati ma' sfidi li ilhom jeżistu. Barra minn hekk, fil-programm ta' ħidma tagħna inkludejna awditi li huma relatati ma' **kwistjonijiet emerġenti** u ma' **żviluppi** reċenti **fl-UE**.

B'mod partikolari fl-2015, għandna l-intenzjoni li nirrappurtaw dwar l-assistenza finanzjarja tal-UE lill-Ukraina u dwar miżuri ta' politika tal-UE u investimenti fl-infrastruttura għas-sigurtà tal-enerġija kif ukoll dwar il-mekkaniżmu superviżorju uniku stabbilit dan l-aħħar għall-banek fiż-Żona tal-euro.

Barra minn hekk, filwaqt li għadd kbir mill-awditi tagħna se jiffokaw fuq l-implimentazzjoni ta' politiki, oħrajn se jiffokaw b'mod aktar speċifiku fuq it-tipi ta' **appoġġ finanzjarju** li l-UE toffri.

Pereżempju, fl-2015, se nkunu qed inħarsu lejn il-ġestjoni tal-għotjiet fl-Aġenziji u l-Impriżi Konġunti, il-mikrofinanzjament għat-trawwim tal-inklużjoni soċjali, u l-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja fl-iżvilupp rurali.

Sinjura President, onorevoli membri,

Fl-2015, il-pjan tagħna huwa li niproduċu aktar rapporti dwar il-prestazzjoni ta' politiki u programmi speċifiċi tal-UE minn qatt qabel. Iżda nagħrfu wkoll li t-**twaqqit tar-rapporti tal-awditjar** huwa importanti.

Fl-2015, diġà qed nippjanaw li nnaqqsu ż-żmien medju li jittieħed biex niproduċu rapport filwaqt li nkomplu nikkonformaw mal-Istandards Internazzjonali għall-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar. Iżda kif tafu, jidhrilna li ż-żmien meħud jista' jkompli jitnaqqas jekk id-dispożizzjonijiet fir-Regolament Finanzjarju fir-rigward tat-trattament tar-rapporti speċjali tal-Qorti jiġu riveduti, kif aħna ssuġġerjnielek, Sinjura President, fil-kapaċità tiegħek bħala membru relatur għall-Kumitat għall-Baġits.

Aħna nagħrfu wkoll l-importanza li r-rapporti jitwasslu fil-waqt it-tajjeb, għalhekk dalwaqt se nkunu qed nibgħatulkom skeda ta' żmien indikattiva għall-2015. Dwar dan il-punt, naf li l-Membri l-ġdid tagħna għar-Relazzjonijiet Interistituzzjonali, is-Sur Itälä, qed ifittex li jikkoordina ma' dan il-kumitat - u permezz ta' dan il-kumitat mal-kumitati l-oħra tal-Parlament - li jorganizza opportunitajiet xierqa biex jippreżenta r-rapporti tal-awditjar kollha tagħna kif ukoll prodotti oħra tal-Qorti.

Dawk il-**prodotti l-oħra** jinkludu opinjonijiet dwar proposti leġiżlattivi, ħarsiet ġenerali lejn is-sejbiet tal-awditjar, u dokumenti ta' pożizzjoni li l-Qorti tħejji fuq it-talba ta' istituzzjonijiet oħra jew fuq l-inizjattiva proprja tagħha.

Dawn huma bbażati fuq l-esperjenza tal-awditjar tagħna aktar milli fuq awditi speċifiċi u huma mod flessibbli ta' kif aħna nipprovdu fehim approfondit u kontribut għat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' dan il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni.

Għalkemm ma jissemmewx b'mod speċifiku fil-Programm ta' Ħidma 2015, aħna nantiċipaw li niproduċu għadd ta' dawn il-prodotti matul is-sena. Pereżempju, il-ġimgħa l-oħra adottajna opinjoni dwar il-proposta tal-Kummissjoni għar-reviżjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-regolament finanzjarju attwali għall-baġit tal-UE.

Qed inħejju wkoll opinjoni dwar l-abbozz tar-regolament finanzjarju tal-**Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni**.

U, għalkemm għadna ma rċevjnie x talba formali għal opinjoni, qed insegwu mill-qrib il-proċedura leġiżlattiva fir-rigward tal-istabbiliment tal-**Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi** bil-ħsieb li nipprovdu fehim approfondit rilevanti bbażat fuq l-esperjenza tagħna tal-awditjar ta' strumenti simili.

Sinjura President, onorevoli membri,

Kif għidt fil-bidu, fl-2015 aħna se nkomplu nnettqu **riformi interni**.

Stabbilixxejna għalina nfusna programm ta' ħidma tal-awditjar ambizzjuż għall-2015, li nemmnu li nistgħu nimplimentaw permezz ta' awditi individwali aktar iffokati, is-simplifikazzjoni tal-proċeduri, u l-kisba ta' aktar żieda fl-effiċjenza.

Kumplessivament, fl-2015, aħna nantiċipaw żieda fil-proporzjon ta' riżorsi ddedikati għall-awditu tal-prestazzjoni, kif irrakkomandat minn dan il-Parlament fir-rapport tiegħu tal-2014 dwar ir-rwol futur tal-Qorti.

Ir-riformi li qed innettqu mhux biss se jgħinu biex itejbu l-kapaċità tagħna li nawditjaw kwistjonijiet ta' prestazzjoni iżda wkoll l-abbiltà tagħna li nipprogrammaw mill-ġdid ix-xogħol tagħna matul is-sena, jekk meħtieġ, b'rispons għal żviluppi importanti u prijoritajiet ġodda.

Ir-riformi jinkludu miżuri għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti ta' dan il-Parlament u tal-evalwaturi pari tagħna biex inkomplu nsaħħu l-prattika tal-awditjar tal-prestazzjoni tagħna.

Pereżempju, se nkunu qed infittxu li niżviluppaw il-kompetenzi tal-politika tagħna u l-kapaċità tagħna li nnettqu awditi tal-prestazzjoni, b'mod partikolari f'oqsma bħall-"unjoni bankarji" fejn għandna responsabbiltajiet ġodda.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-**kooperazzjoni** tagħna **mal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar** tal-Istati Membri, ippermittuli nenfasizza żewġ proġetti konkreti fl-2015.

L-ewwel wieħed għandu l-għan li jtfasslu l-arranġamenti l-ġodda tal-obbligu ta' rendikont u tal-awditjar għas-superviżjoni finanzjarja tal-banek, ibbażat fuq stħarriġ li ħejjejna.

It-tieni wieħed jinvolvi l-ħidma mas-SAIs tal-UE biex jiġu analizzati għadd ta' ftehimiet ta' sħubija nazzjonali taħt l-Istrateġija Ewropa 2020 bil-ħsieb li r-riżultati jiġu rrapportati fir-rapporti annwali tagħna.

Sinjura President, onorevoli membri,

Nittama li rnexxieli nfissrillkom il-mod li bih il-Qorti tagħna biħsiebha trendi xogħolha fl-2015 rilevanti għall-isfidi kbar li l-UE qed tiffaċċja, u għaldaqstant tassisti wkoll lil dan il-Parlament u lill-istituzzjonijiet l-oħra f'dan iż-żmien kruċjali għall-Unjoni tagħna.

Grazzi tal-attenzjoni tagħkom.